A.L. 39 tal-2010

ATT DWAR IR-RADJOKOMUNIKAZZJONI (KAP. 49)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 19 tal-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) it-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 7 ta' l-2008.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-2 ta' Novembru, 2009.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2(2) tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "intrapriża" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ITU" tfisser l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet;";

(b) minnufih wara t-tifsira " "qawwa irradjata isotropika ekwivalenti" jew "e.i.r.p." " għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "radjodeterminazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fir-Regolamenti tar-Radju;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Regolamenti tar-Radju" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizz satellitari mobbli" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fir-Regolamenti tar-Radju;";

(d) minnufih wara t-tifsira ġdida "servizz satellitari mobbli" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Sistemi tat-Trasport Intelliġenti" jew "ITS" "tfisser medda ta' sistemi u servizzi, bażati fuq teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, inkluż l-ipproċessar, il-kontroll u t-tqegħid, komunikazzjoni u elettronika, li jiġu applikati f'sistema ta' trasportazzjoni fit-triq;";

(e) minnufih wara t-tifsira "standard armonizzat" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "stazzjon ta' l-Art" jew "terminal satellitari" tfisser stazzjon jew terminal li jkunu jinsabu jew fuq wiċċ l-Art jew ġol-biċċa l-kbira ta' l-atmosfera ta' l-Art u li jkunu maħsuba għall-komunikazzjoni:

(a) ma' xi stazzjon fl-ispazju wieħed jew aktar minn stazzjon fl-ispazju wieħed; jew

(b) ma' xi stazzjon wieħed ta' l-istess xorta jew aktar minn stazzjon wieħed ta' l-istess xorta b'kull mezz ta' satellita li tirrifletti waħda jew aktar minn satellita li tirrifletti waħda jew oġġetti oħra fl-ispazju;"; u

(f) minnufih wara t-tifsira ġdida " "stazzjon ta' l-Art" jew "terminal satellitari" " għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "stazzjon ta' l-art mobbli" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fir-Regolamenti tar-Radju;".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Ewwel Anness li hemm ma' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

PLUS SKEDI MADWAR 40 PAGNA

"L-EWWEL ANNESS
(Paragrafu 4 ta' l-Ewwel Skeda)
Tabella tal-Frekwenzi VHF

Nominatur ta' kanal	**Noti**	**Frekwenzi ta' trażmissjoni (MHz)**		**Bejn il-bastimenti**	**Operazzjonijiet fil-port u tħarrik ta' bastimenti**		**Korrispondenza pubblika**
		Minn stazzjonijiet ta' bastimenti	**Minn stazzjonijiet fuq il-kosta**		**Frekwenza unika**	**Frekwenza doppja**	
60		156.025	160.625		X	x	x
01		156.050	160.650		X	x	x
61		156.075	160.675		X	x	x
02		156.100	160.700		X	x	x
62		156.125	160.725		X	x	x
03		156.150	160.750		X	x	x
63		156.175	160.775		X	x	x
04		156.200	160.800		X	x	x
64		156.225	160.825		X	x	x
05		156.250	160.850		X	x	x
65		156.275	160.875		X	x	x
06	*a*	156.300		x			
66		156.325	160.925		X	x	x
07		156.350	160.950		X	x	x
67	*c*	156.375	156.375	x	X		
08		156.400		x			
68	*o*	156.425	156.425		X		
09	*n*	156.450	156.450	x	X		
69	*j*	156.475	156.475	x	X		
10	*c, o*	156.500	156.500	x	X		
70	*a, d*	156.525	156.525	Sejħat b'għażla diġitali għal perikli, sigurtà u sejħat			
11	*l*	156.550	156.550		X		
71		156.575	156.575		X		
12	*h*	156.600	156.600		X		
72		156.625		x			
13	*e, p*	156.650	156.650	x	X		
73	*c*	156.675	156.675	x	X		
14	*i*	156.700	156.700		X		

Nominatur ta' kanal	Noti	Frekwenzi ta' trażmissjoni (MHz)		Bejn il-bastimenti	Operazzjonijiet fil-port u tħarrik ta' bastimenti		Korrispondenza pubblika
		Minn stazzjonijiet ta' bastimenti	Minn stazzjonijiet fuq il-kosta		Frekwenza unika	Frekwenza doppja	
74	*o*	156.725	156.725		X		
15	*b*	156.750	156.750	x	X		
75	*g*	156.775	156.775		X		
16	*a*	156.800	156.800	PERIKLI, SIGURTÀ U SEJĦAT			
76	*g*	156.825	156.825		X		
17	*b*	156.850	156.850	x	X		
77		156.875		x			
18		156.900	161.500		X	x	x
78		156.925	161.525		X	x	x
19		156.950	161.550		X	x	x
79		156.975	161.575		X	x	x
20	*k*	157.000	161.600		X	x	x
80		157.025	161.625		X	x	x
21		157.050	161.650		X	x	x
81		157.075	161.675		X	x	x
22	*m*	157.100	161.700		X	x	x
82		157.125	161.725		X	x	x
23		157.150	161.750		X	x	x
83		157.175	161.775		X	x	x
24		157.200	161.800		X	x	x
84		157.225	161.825		X	x	x
25		157.250	161.850		X	x	x
85		157.275	161.875		X	x	x
26		157.300	161.900		X	x	x
86		157.325	161.925		X	x	x
27		157.350	161.950			x	X
87		157.375	157.375		X		
28		157.400	162.000			x	X
88		157.425	157.425		X		

Nominatur ta' kanal	Noti	Frekwenzi ta' trażmissjoni (MHz)		Bejn il-bastimenti	Operazzjonijiet fil-port u tħarrik ta' bastimenti		Korrispondenza pubblika
		Minn stazzjonijiet ta' bastimenti	Minn stazzjonijiet fuq il-kosta		Frekwenza unika	Frekwenza doppja	
AIS 1	*a, f*	161.975	161.975				
AIS 2	*a, f*	162.025	162.025				

Dispożizzjonijiet speċifiċi:

a. Il-kanali 06, 16, 70, AIS 1 u AIS 2 jistgħu jintużaw ukoll għal komunikazzjoni bejn stazzjonijiet fuq bastimenti u stazzjonijiet fuq inġenji ta' l-ajru li jkunu qegħdin jagħmlu operazzjonijiet kordinati ta' tiftix u salvataġġ u komunikazzjonijiet oħra li jkollhom x'jaqsmu mas-sigurtà. Stazzjonijiet marittimi ta' bastimenti għandhom jevitaw kull interferenza ma' dawk il-komunikazzjonijiet.

b. Il-kanali 15 u 17 jistgħu jintużaw ukoll għal komunikazzjonijiet abbord sakemm il-qawwa radjata effettiva ma tkunx iżjed minn 1 W.

c. Jekk ikun hekk meħtieġ, il-kanali 10, 67 u 73 jistgħu jintużaw ukoll għal komunikazzjonijiet bejn stazzjonijiet fuq bastimenti, stazzjonijiet fuq inġenji ta' l-ajru u stazzjonijiet fuq l-art li jkunu qegħdin jipparteċipaw u li jkunu qegħdin jagħmlu operazzjonijiet kordinati ta' tiftix u salvataġġ u kontra t-tinġis f'żoni lokali.

d. Il-kanal 70 għandu jintuża esklużivament għal sejħat b'għażla diġitali għal perikli, sigurtà u sejħat.

e. Il-kanal 13 hu maħsub biex jintuża mad-dinja kollha bħala kanal ta' komunikazzjoni għas-sigurtà fin-navigazzjoni, qabel xejn għal komunikazzjonijiet għas-sigurtà fin-navigazzjoni bejn bastimenti. Jista' jintuża ukoll għat-tħarrik ta' bastimenti u għas-servizz ta' operazzjonijiet fil-port soġġetti għar-regolamenti nazzjonali ta' l-amministrazzjonijiet involuti.

f. Il-kanali AIS 1 u AIS 2 jintużaw għal sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) li tkun tista' tipprovdi tħaddim mad-dinja kollha.

g. L-użu tal-kanali 75 u 76 għandu jkun ristrett għal komunikazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu man-navigazzjoni biss u għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha

biex tkun evitata kull interferenza dannuża għall-kanal 16, bħala eżempju billi tiġi limitata l-qawwa li toħroġ għal 1 W jew permezz ta' separazzjoni ġeografika.

h. Kanal 12 - Kontroll tal-port tal-Belt Valletta.

i. Kanal 14 - Kontroll tal-port ta' Marsaxlokk.

j. Kanal 69 - Sistema tat-Traffiku tal-Bastimenti ta' Malta.

k. Kanal 20 - Għajnuna għan-navigazzjoni / struzzjonijiet speċjali lil xi bastiment speċifiku.

l. Kanal 11 - Twissijiet għan-navigazzjoni / xandiriet ta' tbassir tat-temp.

m. Kanal 22 - Operazzjonijiet ta' emerġenza / tniġġis kaġunat miż-żejt, eċċ.

n. Kanal 09 - Pilotaġġ u irmiġġ (MMP) u lanċa tal-pilota.

o. Kanali 10, 68 u 74 - Rmonk (kanali konnessi mal-irmonk).

p. Kanal 13 – Terminals / Marinas.".

4. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Jemenda It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu 2 tagħha, minnufih wara t-tifsira "banda B 5 GHz" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "banda 17 GHz" tfisser il-banda ta' frekwenza 17.1-17.3 GHz;

"banda 61.5 GHz" tfisser il-banda ta' frekwenza 57.0-66.0 GHz;";

(b) il-paragrafu 3 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-inqas parametri tekniċi ta' *wireless access systems* li joperaw fil-banda 2.4 GHz, banda A 5 GHz, banda B 5 GHz, banda17 GHz u banda 61.5 GHz għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda.";

(c) is-subparagrafu (2) tal-paragrafu 4 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) *Wireless access systems* li joperaw fil-banda A 5 GHz u fil-banda 61.5 GHz bl-ogħla qawwa ta' trażmissjoni ta' 40dBm jiġifieri e.i.r.p. jintuża biss f'lokazzjonijiet fuq ġewwa.";

(d) minnufih wara s-subparagrafu (2) tal-paragrafu 4 tagħha għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(3) L-użu ta' installazzjonijiet fissi fuq barra għal *wireless access systems* li joperaw fil-banda 61.5 GHz bl-ogħla qawwa ta' trażmissjoni ta' 25dBm jiġifieri e.i.r.p. mhux permess."; u

(e) l-Annessi mat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“**ANNESS LI JINSAB MA IT-TIENI SKEDA**

(Paragrafu 3 tat-Tieni Skeda)

L-Inqas Parametri Tekniċi ta’ *Wireless access systems*

Parametri Mandatorji				**Parametri Informattivi**
Banda ta’ frekwenza	**L-ogħla qawwa ta’ trażmissjoni**	**L-ogħla densità ta’ qawwa**	**Restrizzjonijiet oħra**	***Standard* (armonizzat) rakkomandat**
2400-2483.5 MHz	100mW e.i.r.p.	100mW/100 kHz meta tintuża l-modulazzjoni ta’ qbiż fil-frekwenzi	No. 1	EN 300 328
	100mW e.i.r.p.	10mW/MHz e.i.r.p. meta jintużaw tipi oħra ta’ modulazzjoni	No. 1	EN 300 328
5150-5250 MHz	200mW jiġifieri e.i.r.p.	10mW/MHz f’kull banda ta’ 1 MHz	Biex jintuża fuq ġewwa biss	EN 301 893
5250-5350 MHz	200mW jiġifieri e.i.r.p.	10mW/MHz f’kull banda ta’ 1 MHz	Nri. 2 u 3	EN 301 893
5470-5725 MHz	1W jiġifieri e.i.r.p.	50mW/MHz f’kull banda ta’ 1 MHz	Nri. 2 u 3	EN 301 893
17.1-17.3 GHz	100mW e.i.r.p.	-	-	-
57.0-66.0 GHz	40dBm jiġifieri e.i.r.p.	13dBm/MHz e.i.r.p.	Biex jintuża fuq ġewwa biss.	EN 302 567
	25dBm e.i.r.p. medja	-2dBm/MHz e.i.r.p.	M’humiex permezzi installazzjonijiet fissi fuq barra.	EN 302 567

Restrizzjonijiet oħra:

1. Għandhom jintużaw tekniki għal dħul fl-spektrum u biex tiġi mitigata interferenza li jkunu mill-inqas jipprovdu funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE.

2. Għandu jintuża TPC biex medjament jipprovdi fattur ta' mitigazzjoni ta' mill-inqas 3dB fuq l-ogħla qawwa ta' trażmissjoni permessa tas-sistema. Jekk ma jintużax TPC, il-limiti ta' l-ogħla qawwa ta' trażmissjoni permessa u ta' l-ogħla densità ta' qawwa permessa għandhom jitnaqqsu bi 3dB.

3. Is-sistemi għandhom jużaw tekniki ta' mitigazzjoni li jkunu mill-inqas jagħtu l-istess protezzjoni bħall-ħtiġiet ta' kxif, operattivi u ta' rispons deskritti f'EN 301 893 biex jiżguraw tħaddim kompatibbli ma' sistemi ta' radjodeterminazzjoni. Dawk it-tekniki ta' mitigazzjoni għandhom jekwalizzaw il-probabbiltà ta' selezzjoni ta' kanal speċifiku għall-kanali kollha disponibbli biex tiġi medjament żgurata firxa kważi uniformi ta' *spectrum loading*.".

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita (f) tal-paragrafu 3 tagħha, għandhom jiżdiedu dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"(f1) 433.05-434.79 MHz;
(f2) 434.04-434.79 MHz;";

(b) minnufih wara l-partita (j) tal-paragrafu 3 tagħha għandhom jiżdiedu dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"(k) 61.0-61.5 GHz;
(l) 122-123 GHz;
(m) 244-246 GHz,";

(c) il-paragrafu 4 tagħha għandu jitħassar; u

(d) l-Anness tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**ANNESS LI JINSAB MAR-RABA' SKEDA**

(Paragrafu 3 tar-Raba' Skeda)

L-Inqas Parametri Tekniċi ta' Apparat ta' Medda Qasira Mhux-Speċifikat

		Parametri mandatorji					Parametri informattivi	
Banda ta' frekwenza		**L-ogħla qawwa ta' trażmissjoni / Kamp manjetiku**	**Ċiklu operattiv**	**Spazjar fil-kanali**	**Densità ta' qawwa**	**Restrizzjoni jiet oħra**	***Standard* (armonizzat) rakkomandat**	**Noti**
a.	6765-6795 kHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m					EN 300 330	
b.	13.553-13.567 MHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m					EN 300 330	
c.	26.957-27.283 MHz	10mW e.r.p. jew 42 dBµA/m meta jilħaq 10m				No. 1	EN 300 220 EN 300 330	
d.	40.66-40.70 MHz	10mW e.r.p.				No. 1	EN 300 220	
e.	138.20-138.45 MHz	10mW e.r.p.	< 1.0%				EN 300 220	
f.	433.05-434.79 MHz	10mW e.r.p.	10%			No. 2	EN 300 220	
f1.	433.05-434.79 MHz	1mW e.r.p.			-13dBm/10 kHz għal modulazzjoni ta' wisa' ta' frekwenza akbar minn 250kHz	No. 2	EN 300 220	
f2.	434.04-434.79 MHz	10mW e.r.p.	sa 100%	sa 25 kHz		No. 2	EN 300 220	
g.	863-870 MHz	25mW e.r.p.	Restrizzjoni 3			No. 2	EN 300 220	
g1.	868-868.6 MHz	25mW e.r.p.	Restrizzjoni 4			No. 1	EN 300 220	

		Parametri mandatorji					Parametri informattivi	
Banda ta' frekwenza		**L-ogħla qawwa ta' trażmissjoni / Kamp manjetiku**	**Ċiklu operattiv**	**Spazjar fil-kanali**	**Densità ta' qawwa**	**Restrizzjoni jiet oħra**	***Standard* (armonizzat) rakkomandat**	**Noti**
		25mW e.r.p.	Restrizzjoni 3			No. 2	EN 300 220	
g2.	868.7-869.2 MHz	25mW e.r.p.	Restrizzjoni 3			No. 1	EN 300 220	
		25mW e.r.p.	Restrizzjoni 3			No. 2	EN 300 220	
g3.	869.4-869.65 MHz	500mW e.r.p.	Restrizzjoni 5	25 kHz		No. 1	EN 300 220	Il-banda ta' frekwenza kollha kemm hi tista' tintuża ukoll bħala kanal uniku għat-trażmissjoni ta' *data* b'veloċità kbira
		25mW e.r.p.	Restrizzjoni 3			No. 2	EN 300 220	
g4.	869.7-870.0 MHz	5mW e.r.p.				No. 6	EN 300 220	
		25mW e.r.p.	Restrizzjoni 3			No. 2	EN 300 220	
h.	2400-2483.5 MHz	10mW e.i.r.p.					EN 300 440	
i.	5725-5875	25mW e.i.r.p.					EN 300 440	

		Parametri mandatorji					Parametri informattivi	
Banda ta' frekwenza		**L-ogħla qawwa ta' trażmissjoni / Kamp manjetiku**	**Ċiklu operattiv**	**Spazjar fil-kanali**	**Densità ta' qawwa**	**Restrizzjoni jiet oħra**	***Standard* (armonizzat) rakkomandat**	**Noti**
	MHz							
j.	24.00-24.25 GHz	100mW e.i.r.p.					EN 300 440	
k.	61.0-61.5 MHz	100mW e.i.r.p.						
l.	122-123 GHz	100mW e.i.r.p.						
m.	244-246 GHz	100mW e.i.r.p.						

Restrizzjonijiet oħra:

1. Applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' *video* huma esklużi.

2. Sinjali awdjo u bil-vuċi, u applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' *video* huma esklużi.

3. Jistgħu jintużaw ukoll tekniki għad-dħul fl-ispektrum u biex jimmitigaw l-interferenza li jkunu mill-inqas jipprovdu funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża ukoll ċiklu operattiv ta' 0.1%.

4. Għandhom jintużaw tekniki għad-dħul fl-ispektrum u biex jimmitigaw l-interferenza li jkunu mill-inqas jipprovdu funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE. Jista' alternattivament jintuża ukoll ċiklu operattiv ta' 1%.

5. Għandhom jintużaw tekniki għad-dħul fl-ispektrum u biex jimmitigaw l-interferenza li jkunu mill-inqas jipprovdu funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE. Jista' alternattivament jintuża ukoll ċiklu operattiv ta' 10%.

6. Sinjali awdjo u bil-vuċi huma esklużi. Huma permessi applikazzjonijiet bil-vuċi b'tekniki ta' mitigazzjoni avvanzati.".

1. Il-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) il-partiti (m) u (n) tal-paragrafu 2 tagħha għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*(m)* 7400-8800 kHz;
(n1) 13.553-13.567 MHz;
(n2) 13.553-13.567 MHz;
(o) 26.957-27.283 MHz; u
(p) 10.2-11 MHz"; u

(b) l-Anness tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**ANNESS LI JINSAB MAL-ĦAMES SKEDA**

(Paragrafu 2 tal-Ħames Skeda)

L-Inqas Parametri Tekniċi ta' Apparat ta' Radjokomunikazzjoni ta' Medda Qasira maħsub biex jintuża għal Applikazzjonijiet Induttivi

Parametri mandatorji					**Parametri informattivi**
Banda ta' frekwenza		**L-Ogħla kamp manjetiku**	**Parametri addizzjonali**	**Parametri għal kull użu ieħor**	***Standard*** **(armonizzat) rakkomandat**
a.	9-59.75 kHz	72 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
b.	59.75-60.25 kHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
c.	60.25-70 kHz	69 dBµA/m meta			EN 300 330

Parametri mandatorji					**Parametri informattivi**
Banda ta' frekwenza		**L-Ogħla kamp manjetiku**	**Parametri addizzjonali**	**Parametri għal kull użu ieħor**	***Standard*** **(armonizzat) rakkomandat**
		jilħaq 10m			
d.	70-119 kHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
e.	119-135 kHz	66 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
f.	135-140 kHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
g.	140-148.5 kHz	37.7 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
h.	148.5-5000 kHz	-15 dBµA/m meta jilħaq 10m f'kull wisa' ta' frekwenza ta' 10 kHz	Il-qawwa totali tal-kamp hi ta' -5dBµA/m meta dan jilħaq 10m għal sistemi ta' tħaddim f'wisa' ta' frekwenzi ta' iżjed minn 10 kHz		EN 300 330
i.	400-600 kHz	-8 dBµA/m meta jilħaq 10m		Biex jintuża biss bħala RFID	EN 300 330
j.	3155-3400 kHz	13.5 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
k.	5-30 MHz	-20 dBµA/m meta jilħaq 10m f'kull wisa' ta' frekwenza of 10 kHz	Il-qawwa totali tal-kamp hi ta' -5dBµA/m meta jilħaq 10m għal sistemi ta' tħaddim f'wisa' ta' frekwenzi ta' iżjed minn 10 kHz		EN 300 330
l.	6765-6795 kHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330

Parametri mandatorji					Parametri informattivi
Banda ta' frekwenza		**L-Ogħla kamp manjetiku**	**Parametri addizzjonali**	**Parametri għal kull użu ieħor**	***Standard* (armonizzat) rakkomandat**
m.	7400-8800 kHz	9 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
n1.	13.553-13.567 MHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 302 291
n2.	13.553-13.567 MHz	60 dBµA/m meta jilħaq 10m		Biex jintuża biss bħala RFID u EAS	EN 300 330
o.	26.957-27.283 MHz	42 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330
p.	10.2-11 MHz	9 dBµA/m meta jilħaq 10m			EN 300 330"

".

Jemenda t-Tnax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Tnax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih qabel t-tifsira "apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband*" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "analisi ta' materjal tal-bini" jew "BMA" tfisser sensur ta' disturbi fil-kamp maħsub biex jillokalizza oġġetti li jkunu jinsabu ġo struttura ta' bini jew biex jistabbilixxi l-proprjetajiet fiżiċi ta' materjal tal-bini;"; u

(ii) minnufih wara t-tifsira "ġewwa" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "radjat fl-arja" tfisser dawk il-partijiet tas-sinjal maħruġ minn applikazzjonijiet speċifiċi ta' teknoloġija *ultra-wideband* li ma jiġux assorbiti mill-kopertura li jkollhom jew mill-materjal li jkun qed jiġi investigat."; u

(b) l-Anness tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“**ANNESS LI JINSAB MAT-TNAX-IL SKEDA**

(Paragrafu 3 tat-Tnax-il Skeda)

L-Inqas Parametri Tekniċi ta’ Apparat li juża Teknoloġija *Ultra-Wideband*

L-Ogħla densitajiet e.i.r.p. u tekniki ta’ mitigazzjoni adatti

1. Apparat ġeneriku li juża sistemi ta’ *Ultra-Wideband*

1.1 L-Ogħla densitajiet e.i.r.p.

Medda ta’ frekwenza (GHz)	**L-Ogħla densità e.i.r.p. medja (dBm/MHz)**	**L-Ogħla densità e.i.r.p. fil-quċċata (dBm/50MHz)**
Taħt il-1.6	-90.0	-50.0
1.6 sa 2.7	-85.0	-45.0

2.7 sa 3.4	-70.0	-36.0
3.4 sa 3.8	-80.0	-40.0
3.8 sa 4.2	-70.0	-30.0
4.2 sa 4.8	-41.3 *(sal-31 ta' Diċembru 2010)* -70.0 *(wara l-31 ta' Diċembru 2010)*	0.0 *(sal-31 ta' Diċembru 2010)* – 30.0 *(wara l-31 ta' Diċembru 2010)*
4.8 sa 6.0	-70.0	-30.0
6.0 sa 8.5	-41.3	0.0
8.5 sa 10.6	-65.0	-25.0
Iżjed minn 10.6	-85.0	-45.0

1.2 Tekniki ta' mitigazzjoni adatti

Apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband* jista' wkoll juża l-ispektrum tar-radju li jkollu limiti ta' e.i.r.p. ogħla minn dawk imsemmija fit-tabella f'sezzjoni 1.1 meta jkunu qegħdin jiġu applikati tekniki ta' mitigazzjoni addizzjonali kif deskritti fi *standards* armonizzati rilevanti adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE jew tekniki ta' mitigazzjoni oħrajn sakemm dan mill-inqas jikseb livell ta' protezzjoni ekwivalenti kif provdut mil-limiti fit-tabella fis-sezzjoni 1.1. Dawn it-tekniki ta' mitigazzjoni li ġejjin jitqiesu li jipprovdu protezzjoni bħal dik:

1.2.1 Mitigazzjoni "Ċiklu operattiv baxx" (LDC)

L-ogħla densità medja e.i.r.p. ta' -41.3 dBm/MHz u l-ogħla quċċata e.i.r.p. ta' 0 dBm mkejla f'50MHz għandha tkun permessa fil-bandi 3.1 - 4.8 GHz sakemm tiġi applikata restrizzjoni ta' ċiklu operattiv baxx hekk li s-somma tas-sinjali kollha trażmessi tkun ta' anqas minn 5% miż-żmien kull sekonda u inqas minn 0.5% miż-żmien kull siegħa, u sakemm kull sinjal trażmess ma jkunx ta' iżjed minn 5 ms.

1.2.2 Mitigazzjoni "Ikxef u evita" (DAA)

L-ogħla densità medja e.i.r.p. ta' -41.3 dBm/MHz u l-ogħla quċċata e.i.r.p. ta' 0 dBm mkejla f'50MHz għandha tkun permessa fil-bandi 3.1 - 4.8 GHz u fil-bandi 8.5 - 9.0 GHz

sakemm tintuża teknika ta' mitigazzjoni Ikxef u Evita (DAA) kif deskritta fi *standards* armonizzati rilevanti adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE.

1.3 Tħaddim ta' apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband* f'vetturi awtomotivi

B'deroga għall-klawżola 4 ta' din l-Iskeda, jista' jintuża apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband* f'vetturi awtomotivi meta jiġi segwit dan li ġej.

1.3.1 L-ogħla densitajiet e.i.r.p. għat-tħaddim ta' apparat li juża teknoloġija ultra-wideband *f'vetturi awtomotivi*

Apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband* f'vetturi awtomotivi jitħalla juża l-ispektrum tar-radju li jkollu l-limiti e.i.r.p. mogħtijin fis-sezzjoni 1.1 sakemm għall-bandi 4.2 - 4.8 GHz u 6.0 - 8.5 GHz jiġu applikati dawn il-parametri li ġejjin:

Medda ta' frekwenza (GHz)		**L-ogħla densità e.i.r.p. medja (dBm/MHz)**
4.2 to 4.8	*Sal-31 ta' Diċembru 2010*	**-41.3** basta jintużaw u jiġu applikati tekniki li jimmitigaw interferenza aggregata li mill-inqas tkun tipprovdi funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE. Dawn jenħtieġu medda ta' kontrollur ta' qawwa ta' trażmettitur (TPC) ta' mill-inqas 12 dB. **-53.3** (xort'oħra)
	Wara l-31 ta' Diċembru 2010	**-70.0**
6.0 to 8.5		**-41.3** basta jintużaw u jiġu applikati tekniki li jimmitigaw interferenza aggregata li mill-inqas tkun tipprovdi funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE. Dawn jenħtieġu medda ta' kontrollur ta' qawwa ta' trażmettitur (TPC) ta' mill-inqas 12 dB.

		-53.3 (xort'oħra)

1.3.2 Tekniki ta' mitigazzjoni adatti f'vetturi awtomotivi

Huwa wkoll permess it-tħaddim ta' apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband* f'vetturi tat-triq li jkollhom limiti e.i.r.p. oħra minbarra dawk imsemmija fis-sezzjoni 1.3.1 meta jkunu qegħdin jiġu applikati tekniki ta' mitigazzjoni addizzjonali kif deskritti fi *standards* armonizzati rilevanti adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE jew tekniki oħra ta' mitigazzjoni sakemm mill-inqas tikseb livell ta' protezzjoni ekwivalenti kif provdut bil-limiti tat-tabelli ta' qabel. Dawn it-tekniki ta' mitigazzjoni li ġejjin jitqiesu bħala li jipprovdu protezzjoni bħal dik:

1.3.2.1 Mitigazzjoni "Ċiklu operattiv baxx" (LDC)

It-tħaddim ta' apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband* f'vetturi awtomotivi li japplika t-teknika ta' mitigazzjoni LDC fil-banda 3.1 - 4.8 GHz kif deskritti fis-sezzjoni 1.2.1, jitħalla jsir bl-istess e.i.r.p. limiti bħal dawk deskritti f'dik is-sezzjoni 1.2.1. Il-limiti e.i.r.p. msemmija fis-sezzjoni 1.1 għandhom ikunu japplikaw għall-meded ta' frekwenza l-oħra.

1.3.2.2 Mitigazzjoni "Ikxef u evita" (DAA)

It-tħaddim ta' apparat li juża teknoloġija *ultra-wideband* f'vetturi awtomotivi li jkun japplika t-teknika ta' mitigazzjoni DAA fil-banda 3.1 – 4.8 GHz u 8.5 - 9.0 GHz jitħalla jsir bil-limitu e.i.r.p. ta' -41.3 dBm/MHz sakemm jiġu applikati tekniki li jimmitigaw l-interferenza u li jkunu mill-inqas jipprovdu funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE. Dawn jeħtieġu medda ta' kontrollur ta' qawwa ta' trażmettitur (TPC) ta' mill-inqas 12 dB. F'każijiet oħra japplika limitu ta' e.i.r.p. ta' -53.3 dBm/MHz.

2. Apparat speċifiku li juża sistema ta' *Ultra-Wideband*

Ikunu permessi sinjali li jiġi trażmessi fl-arja u li ma jkunux jaqbżu l-limiti fit-tabella hawn iżjed 'l isfel.

2.1 Analisi ta' materjal tal-bini (BMA)

Medda ta' frekwenza (MHz)	**L-ogħla densità e.i.r.p. medja (dBm/MHz)**	**L-ogħla quċċata ta' densità e.i.r.p. (dBm/ 50 MHz)**

Medda ta' frekwenza (MHz)	L-ogħla densità e.i.r.p. medja (dBm/MHz)	L-ogħla quċċata ta' densità e.i.r.p. (dBm/ 50 MHz)
Taħt l-1730	-85	-45
1730 sa 2200	-65	-25
2200 sa 2500	-50	-10
2500 sa 2690	-65	-25
2690 sa 2700	-55	-15
2700 sa 3400	-82	-42
3400 sa 4800	-50	-10
4800 sa 5000	-55	-15
5000 sa 8000	-50	-10
8000 sa 8500	-70	-30
Iżjed minn 8500	-85	-45

Tagħmir BMA li juża tekniki ta' mitigazzjoni li mill-inqas jipprovdu funzjonament ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi *standards* armonizzati rilevanti adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE, jitħalla f'medda ta' frekwenzi 1.215 sa 1.73 GHz, bl-oħgla medja ta' densità ta' l-ispektrum e.i.r.p. ta' -70 dBm/MHz, u fil-medda ta' frekwenzi 2.5 sa 2.69 GHz u 2.7 sa 3.4 GHz, bl-ogħla medja ta' densità ta' l-ispektrum e.i.r.p. ta'-50 dBm/MHz sakemm mill-inqas jinkiseb livell ta' protezzjoni ekwivalenti kif provdut bil-limiti fit-tabella ta' hawn aktar qabel.

Fil-medda ta' frekwenza 2.69 GHz sa 2.70 GHz u fil-medda ta' frekwenza 4.8 sa 5.0 GHz; id-densità ta' l-ispektrum totali ta' qawwa radjata għandha tkun inqas minn -65 dBm/MHz kif deskritti fi *standards* armonizzati rilevanti adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE.".

8. L-Anness li hemm mat-Tlettax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: **Jemenda t-Tlettax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.**

"**ANNESS LI JINSAB MAT-TLETTAX-IL SKEDA**

(Paragrafu 3 tat-Tlettax-il Skeda)

L-Inqas Parametri Tekniċi ta' apparat RFID li jopera fil-banda UHF

A1. Banda 865 MHz

Banda ta' frekwenza	Kundizzjonijiet Speċifiċi		Numri Disponibbli ta' Kanali[1]
	L-Ogħla Qawwa	Spazjar fil-kanali	
Sotto-banda A: 865-865.6 MHz	100mW e.r.p.	200 kHz	1 sa 3
Sotto-banda B: 865.6-867.6 MHz	2W e.r.p.	200 kHz	4 sa 13
Sotto-banda Ċ: 867.6-868.0 MHz	500mW e.r.p.	200 kHz	14 sa 15

[1] Il-frekwenzi ta' ċentru ta' kanal huma 864.9 MHz + (0.2 MHz x numru tal-kanal)

A2. Banda 2400 MHz

Banda ta' frekwenza	Kundizzjonijiet speċifiċi		Kundizzjonijiet oħra ta' użu
	L-Ogħla Qawwa	Spazjar fil-kanali	
2446.0-2454.0 MHz	500mW e.i.r.p.	-	
2446.0-2454.0 MHz	4W e.i.r.p.	-	Ristrett għall-użu fi ħdan bini u ċ-ċiklu operattiv tat-trażmissjonijiet kollha jkun ≤15% f'kull perjodu ta' 200ms (30ms minn /170ms ma jiffunzjonax).

".

Jemenda l-Erbatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. L-Anness li hemm ma' l-Erbatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**ANNESS LI JINSAB MA' L-ERBATAX-IL SKEDA**

(Paragrafu 3 ta' l-Erbatax-il Skeda)

L-Inqas Parametri Tekniċi ta' Apparat ta' Radjokomunikazzjoni għall-insegwiment, rintraċċar u ksib ta' *data*

1. Arranġamenti ta' inkanalazzjoni

Wisa' ta' frekwenza 12.5 kHz		**Wisa' ta' frekwenza 25 kHz**		**Wisa' ta' frekwenza 50 kHz**	
Numru tal-kanal	**Frekwenza taċ-Ċentru (MHz)**	**Numru tal-kanal**	**Frekwenza taċ-Ċentru (MHz)**	**Numru tal-kanal**	**Frekwenza taċ-Ċentru (MHz)**
1a	169.406250	1	169.41250		
1b	169.418750			0	169.43750
2a	169.431250	2	169.43750		
2b	169.443750				
3a	169.456250	3	169.46250		
3b	169.468750				

2. Kanal raster
Sa 50 kHz

3. L-ogħla qawwa ta' trażmissjoni
500 mW e.r.p.

4. Ċiklu operattiv
< 10% għal sistemi ta' qari tal-*meters*
< 1% għal sistemi ta' insegwiment ta' assi

5. *Standard* (armonizzat) rakkomandat (Informattiv)
EN 300 220".

10. Minnufih wara l-Ħmistax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn l-Iskedi ġodda li ġejjin:

Iżid mis-Sittax-il Skeda sas-Sebgħa u Għoxrin Skeda mar-regolamenti prinċipali.

"IS-SITTAX-IL SKEDA

(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Apparat ta' Smigħ b'Assistenza

1. Din l-Iskeda tapplika għal kull persuna li tkun qegħda tixtri, tbigħ jew li jkollha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, jew li

Kif tapplika s-Sittax-il Skeda.

tinstalla u topera apparat ta' smigħ b'assistenza jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala parti komponenti ta' dak l-apparat.

2. F'din l-Iskeda: Tifsir.

